A.L. 83 ta' l-2006

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli ta' l-2006 dwar l-Iġjene ta' l-Ikel u Kundizzjonijiet tas-Saħħa għall-Produzzjoni u t-Tqegħid fis-Suq ta' Ċertu Prodotti li joriġinaw mill-Annimali u intiżi għall-Konsum mill-Bniedem (Emendi u Tħassir)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regoli li gejjin:

Titolu u skop.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2006 dwar l-Iġjene ta' l-Ikel u Kundizzjonijiet tas-Saħħa għall-Produzzjoni u t-Tqegħid fis-Suq ta' Ċertu Prodotti li joriġinaw mill-Annimali u intiżi għall-Konsum mill-Bniedem (Emendi u Tħassir).

Jittrasponi d-Direttiva 2004/41/KE.

2. (1) L-iskop ta' dawn ir-regoli hu li jiġu trasposti d-disposizzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tħassar ċertu direttivi li jirigwardaw l-igjene ta' l-Ikel u kundizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' ċertu prodotti li joriġinaw mill-annimali u intiżi għall-konsum mill-bniedem, u li jemendaw id-Direttivi tal-Kunsill 89/662/KEE u 92/118/KEE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva".

(2) Id-Direttiva 89/662/KEE msemmija tapplika biss sakemm ġiet trasposta bħala r-Regolamenti ta' l-2003 dwar Verifiki Veterinarji applikabbli fil-Kummerċ Intra-Komunitarju ma' Stati Membri ta' Prodotti ta' l-Annimali.

Jemenda A.L. 354 ta' l-2003.

3. Ir-Regolamenti ta' I-2003 dwar dwar Verifiki Veterinarji applikabbli fil-Kummerċ Intra-Komunitarju ma' Stati Membri ta' Prodotti ta' l-Annimali, għandhom jiġu emendati kif gej:

(a) fis-subregolament (3) tar-regolament l, minflok il-kliem "prodotti ta' oriġini ta' l-annimali li huma koperti permezz tad-Direttivi tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea mniżżla fl-ewwel skeda", għandhom jidħlu l-kliem "prodotti ta' oriġini ta' l-annimali li huma koperti permezz tad-Direttivi elenkati fi Skeda A";

(b) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tar-regolament 4, minflok il-kliem "il-prodotti miksuba skond il-leġislazzjoni riferita fi Skeda A" għandhom jidħlu l-kliem "il-prodotti li joriġinaw mill-annimali koperti mill-atti msemmija fi Skeda A"; u

(ċ) minflok Skeda A, għandu jidħol dan li gej:

"SKEDA A

KAPITOLU 1

(a) Regoli ta' l-2005 dwar is-Saħħa ta' l-Annimali fil-Produzzjoni, l-Ipproċessar, id-Distribuzzjoni u l-Introduzzjoni ta' Prodotti għall-Konsum mill-Bniedem (A.L. 145 ta' l-2005).

(b) Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April, 2004 li jipprovdu regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali.

KAPITOLU II

(a) Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru, 1992 li tipprovdi rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali u saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ fil-Komunità u importazzjonijet ġol-Komunità ta' prodotti mhux soġġetti għal dawk ir-rekwiżiti mniżżla f'regoli speċifiċi msemmija fl-Anness A, Kapitolu I tad-Direttiva 89/662/KEE u, għar-rigward ta' patoġeni, id-Direttiva 90/425/KEE.

(b) Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru, 2002 li jipprovdi dwar regoli tas-saħħa li jikkonċernaw prodotti sekondarji ta' l-annimal li m'humiex intiżi għall-konsum mill-bniedem.".

Applikabilità ta' A.L. 69 ta' l-2005.

4. Ir-regoli dwar is-saħħa ta' l-annimali mniżżla fir-Regoli ta' l-2005 dwar Problemi fi Spezzjonijiet tas-Saħħa u Veterinarji meta ssir l-Importazzjoni ta' Annimali Bovini, Majjali, u Laħam Frisk minn Pajjizi Terzi, għandhom jibqgħu japplikaw biss għall-importazzjoni ta' annimali ħajjin.

Thassir ta' diversi regolamenti.

5. Dawn ir-regolamenti li ġejjin għandhom b'dan ir-regolament jiġu mħassrin:-

(a) Regolamenti ta' l-2004 dwar Laħam Frisk (Annimali Bovini, Majjali, Nagħaġ, Mogħoż u Solipedi Domestiċi) għall-Konsum Uman (A.L. 120 ta' l-2004);

(b) Regolamenti ta' l-2004 dwar Problemi ta' Saħħa li jolqtu l-Produzzjoni u t-Tqegħid fis-Suq ta' Laħam ta' Tjur Frisk (A.L. 258 ta' l-2004);

(ċ) Regoli ta' l-2004 dwar il-Kundizzjonijiet tas-Saħħa ta' l-Annimali li jirregolaw il-Kummerċ Intra-Kommunitarju ta' Annimali Ovini u Kaprini (A.L. 509 ta' l-2004);

(d) Regoli ta' l-2005 dwar it-Tfittxija tat-Trikina *(Trichinella Spiralis)* meta ssir l-Importazzjoni minn Pajjiżi Terzi ta' Laħam Frisk ġej minn Majjal Domestiku (A.L. 253 ta' l-2005);

(e) Regolamenti ta' l-2004 dwar Problemi ta' Saħħa li jolqtu l-Produzzjoni u t-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Laħam u Ċerti Prodotti Oħra ta' Oriġini millAnnimali (A.L. 119 ta' l-2004);

(f) Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kondizzjonijiet ta' Saħħa ta' l-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju u l-Importazzjonijiet minn Pajjiżi Terzi ta' Laħam tat-Tjur Frisk (A.L. 468 ta' l-2004);

(ġ) Regoli ta' l-2004 dwar Problemi tas-Saħħa Pubblika u dik ta' l-Annimali li jolqtu l-Produzzjoni u t-Tqegħid fis-Suq tal-Laħam tal-Fenek u tal-Priża Mrobbija (A.L. 503 ta' l-2004);

(ħ) Regoli ta' I-2004 dwar Problemi ta' Saħħa Pubblika u ta' l-Annimali relatati mal-Qtil u t-Tqegħid fis-Suq tal-Laħam ta' l-Annimali Selvaġġi (A.L. 504 ta' l-2004);

(i) Regolamenti ta' l-2004 dwar Regoli tas-Saħħa għall-Produzzjoni u t-Tqegħid fis-Suq ta' Ħalib Frisk, Ħalib Trattat bi Sħana u Prodotti Magħmula mill-Ħalib (A.L. 130 ta' l-2004);

(j) Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Ħtiġijiet għall-Produzzjoni u t-Tqegħid fis-Suq ta' Kapuljat u Preparazzjonijiet tal-Laħam (A.L. 118 ta' l-2004) .